# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Erbgħa u Erbgħin (44)**

**22 ta' Diċembru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra Għawdex.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Victor John Curmi – Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

44.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Aaron Agius u tal-Kunsillier Stefan Bajada li ma setgħux jattendu għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet personali.

44.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**44.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-11 ta' Novembru 2021**

44.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 41 li saret nhar il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021.

**44.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat b'urġenza**

44.3.1 Il-Kunsill approva b'żewġ voti favur u astensjoni waħda l-minuti tal-laqgħat b'urġenza numru 42 u 43 li saru nhar il-Ħamis 1 ta' Diċembru u nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru rispettivament. Il-Kunsillier Anthony Attard astjena fuq il-vot peress li ma kienx preżenti għaż-żewġ laqgħat b'urġenza.

44.3.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit innota li l-laqgħa tal-lokalita' li kellha ssir nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru fis-6.00pm ma saritx minħabba li ħadd mir-residenti ma attenda għaliha.

**44.4 Approvazzjoni tal-estimi finanzjarji tal-Kunsill (*budget*) għas-sena 2022**

44.4.1 Il-Kunsill approva unanimament l-estimi finanzjarji (*budget*) tiegħu għas-sena finanzjarja li tibda fl-1 ta' Jannar 2022 u tintemm fil-31 ta' Diċembru 2022.

44.4.2 Dawn l-estimi ser jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif rikjest mir-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

44.4.3 Il-Kunsillier Victor Curmi esprima l-apprezzament u r-ringrazzjament tiegħu lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, Ivan Attard, għall-fatt li għas-sena 2020, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra kellu rapport pożittiv min-naħa tal-Awditur Ġenerali. Huwa qal li dan ir-rapport juri l-impenn u d-dedikazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv attwali fit-tmexxija tal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tagħna. Kemm is-Sindku u anke l-Kunsillier Anthony Attard qablu mal-pożizzjoni tal-Kunsillier Victor Curmi.

44.4.4 Min-naħa tiegħu, is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard esprima r-ringrazzjament tiegħu għal dan l-apprezzament u qal li dan ir-rapport pożittiv huwa dovut primarjament għas-sens ta' kolleġġjalita' li biha qed jaħdem dan il-Kunsill. Huwa irringrazzja wkoll lill-kollega tiegħu l-*Assistant Principal* Josephine Sultana għall-ħidma tagħha biex inkomplu mmexxu 'l quddiem il-Kunsill Lokali tagħna.

**44.5 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

44.5.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn jinsab miexi b'ritmu tajjeb u dan minħabba l-fatt li l-kuntrattur alloka numru ikbar ta' ħaddiema li qed jaħdmu fuq dan il-proġett.

Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah li, sakemm it-temp ikun jippermetti u sakemm ma jkollux nuqqas ta' ħaddiema minħabba xi kwarantina marbuta mal-pandemija attwali, il-ħsieb hu li matul ix-xahar ta' Jannar 2022 isiru l-bankini u tingħata l-ewwel kisja lill-ewwel parti tat-triq sabiex eventwalment matul ix-xahar ta' Frar 2022 tingħata l-ewwel kisja lit-tieni parti tat-triq.

Il-Kunsill qabel li għandna nkomplu ninsistu mal-kuntrattur sabiex dan ix-xogħol jitlesta mill-aktar fis possibbli.

44.5.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa qed nistennew lill-Perit Edward Scerri sabiex ilesti t-*tenders* neċessarji relatati mal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Il-ħsieb hu li dawn it-*tenders* jiġu ippubblikati fil-bidu tax-xahar ta' Jannar 2022 wara l-waqfa tal-festi tal-Milied. Is-Sindku tenna r-ringrazzjament tiegħu għan-nom tal-Kunsill lill-Ministeru għal Għawdex li qiegħed ġentilment jikkontribwixxi finanzjarjament b'somma konsiderevoli għal dan il-proġett ambizzjuż.

44.5.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li, skont dak li ġie deċiż fil-laqgħa b'urġenza numru 32 tal-Ġimgħa 21 ta' Mejju 2021, fil-preżent ghaddejjin bil-proċess ta' ingaġġ ta' impjieg ġdid mal-Kunsill fi skala 15 (grad ta' skrivan) wara r-riżenja tas-Sinjura Manolita Manicaro minn Uffiċjal Eżekuttiv. Dan qed isir wara li ngħabet l-approvazzjoni neċessarja min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li l-call tal-*Jobsplus* għal dawk li qed jirreġistraw fuq *Part 3* ġiet ippubblikata nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru u tagħlaq nhar il-Ħamis 30 ta' Diċembru 2021.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-bord li ser jagħmel l-intervisti lil dawk li ser japplikaw għal dan l-impjieg għandu jkun iffurmat mis-Sindku Dr. Christian Zammit, il-Kunsillier Victor Curmi u l-Kunsillier Anthony Attard. Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ser ikun is-Segretarju tal-Bord. Dan ser isir wara li s-Segretarju attwali irrinuzja d-dritt li tagħtih il-Liġi li jkun membru ta' dan il-Bord bid-dritt tal-vot.

Kien hemm qbil unanimu li l-intervisti għal dawk li ser japplikaw għal dan l-impjieg isiru nhar il-Ġimgħa 14 ta' Jannar 2022 fl-4.00pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

44.5.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li għadna qed nistennew lill-kuntrattur Mario Muscat sabiex jagħmel ix-xogħol ta' taħmil tar-*reservoir* fi Pjazza l-Vitorja. Dan ix-xogħol huwa neċessarju sabiex tkun

tista’ ssir sistema ta’ irrigazzjoni awtomatika għall-pjanti li ġew imħawla riċentament fl-istess pjazza bħala parti minn proġett ħolistiku iffinanzjat mill-Ministeru tal-Ambjent. Il-Kunsill qabel li għandna nikkordinaw laqgħa mal-kuntrattur fil-bidu tax-xahar ta’ Jannar 2022.

44.5.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa li jinsab pre-okkupat bin-numru kbir ta’ każijiet attivi ta’ Covid-19 li hawn f’Għawdex fil-preżent u li qed ikollhom impatt fuq diversi attivitajiet soċjo-kulturali li kellhom jiġu organizzati għal dan iż-żmien tal-Milied.

Fid-dawl ta’ dan u bil-għan li titħares is-saħħa u s-sigurta’ ta’ kulħadd f’dan iż-żmien partikolari, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunċert tal-Milied li kellu jsir fil-Knisja Kolleġġjata Bażilika ta’ Marija Bambina nhar it-Tnejn 27 ta’ Diċembru 2021 għandu jiġi kanċellat.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona li ghandna nibdew nahsbu minn issa ghat-tizjin ta’ Vjal it-Tmienja ta’ Settembru u Pjazza l-Vitorja ghall-festi tal-Milied 2022. Dan sabiex possibilment ikollna tizjin originali ghal dawn it-toroq. Is-Sindku qal li din il-materja ser titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

44.5.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippreżenta lill-Kunsill kopja tar-rapport tal-bord ta’ aġġudikazzjoni li twaqqaf fil-laqgħa preċedenti sabiex jevalwa l-kwotazzjonijiet sottomessi għall-provvista u installazzjoni ta’ *playhouse* ġdida fil-*playing field* ta’ Vjal it-Tmienja ta’ Settembru fil-lokalita’ tagħna.

Ir-rapport kien approvat unanimament u l-offerta ser tingħata lill-kumpanija li issottomettiet l-irħas offerta li kienet *administratively* u *technically compliant*.

44.5.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippreżenta lill-Kunsill kopja tar-rapport tal-bord ta’ aġġudikazzjoni li twaqqaf sabiex jevalwa l-offerti sottomessi għall-provvista u installazzjoni ta’ *waste depots* fil-Qortin, limiti tax-Xagħra. Dan huwa proġett pilota li ser ikun qed jiġi iffinanzjat mill-Ministeru tal-Ambjent bil-għan li negozji u stabbilimenti kummerċjali fil-lokalita’ tagħna jkollhom sit kontrollat fejn jistgħu jiddispondu mill-iskart tagħhom.

Il-Kunsillier Anthony Attard innota li l-Ministeru tal-Ambjent kellu jinvolvi aktar lill-Kunsill fid-diskussjonijiet preliminari dwar dan il-proġett u għaldaqstant ma jħossux komdu japprova xi ħaġa li dwarha m'għandux biżżejjed informazzjoni. Għaldaqstant, huwa iddikjara li ser jastjeni fuq il-vot dwar l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport.

Peress li ma kienx hemm qbil unanimu dwar ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni għal dan il-proġett, ittieħed vot. B'żewġ voti favur u astensjoni waħda, ir-rapport ġie approvat.

44.5.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-aħħar parti ta' Triq il-Marġa, li miċ-ċentru tal-lokalita' tagħna twassal għal ħdejn ir-ristorant Ta' Frenċ, tinsab fi stat ħażin ħafna. Huwa fakkar li fil-laqgħa tat-Tnejn 6 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill iddeċieda li jimxi fuq il-parir tekniku mogħti mill-Perit Edward Scerri u din it-triq saret *one way* 'l isfel. Dan sabiex titħares is-saħħa u s-sigurta' ta' dawk li jagħmlu użu minn din it-triq.

Is-Sindku innota li f'diskussjonijiet li kellu mal-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru wera d-dispożizzjoni tiegħu li jwettaq ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni neċessarja f'din il-parti tat-triq. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara stima dettaljata tal-ispejjeż involuti ħalli din tkun tista' titressaq għall-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex mill-aktar fis. Is-Sindku tenna r-ringrazzjament tiegħu għan-nom tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra lill-Ministeru għal Għawdex għal dan il-kontribut.

44.5.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021 saret laqgħa *on site* rigward il-proġett ta' *zebra crossing* ġdida fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru (quddiem *Joyce's Pharmacy*). Għal din il-laqgħa attendew hu, il-Perit Edward Scerri, id-Direttur Elsie Caruana mill-Ministeru għal Għawdex, il-*foreman* Mark Gafa' u s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard. F'din il-laqgħa ġew diskussi t-teknikalitajiet kollha relatati ma' dan il-proġett li ser ikun iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-proġett propost ser ikun qed inaqqas numru ta' spazji ta' parkeġġ f'din it-triq arterjali u dan minħabba l-

fatt li skont il-*policy* ta' Transport Malta, irid ikun hemm spazju bejn *zebra crossing* u l-ewwel spazju ta' parkeġġ li jkun imiss. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

Il-Kunsillier Victor Curmi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-problema tal-qlib tal-ilma li jista' jkun hemm. Il-Kunsill qabel li għandna niġbdu l-attenzjoni tal-Perit Edward Scerri rigward din il-materja. Dan sabiex jiġu evitati problemi fil-futur.

44.5.10 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li, in viżta tan-numru kbir ta' każijiet attivi ta' Covid-19 f'Għawdex fil-preżent, l-ikla annwali tal-Milied għall-ħaddiema assenjati mal-Kunsill għandha tiġi kanċellata. Dan sabiex titħares is-saħħa u s-sigurta' ta' kulħadd f'dan iż-żmien partikolari.

**44.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

*Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera preżenti.*

**44.7 Qari tal-Korrispondenza**

44.7.1 E-mail mingħand Chris Cremona, *viticulturist* tal-kumpanija *Marsovin*, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li parti mill-*bridge* li qed taqsam il-Wied tar-Ramla ċediet u qed tkun ta' periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku innota li din il-materja diġa' ġiet għall-attenzjoni tas-Sur Joseph Cutajar, Direttur ta' Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

44.7.2 Ċirkulari numru 118/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Junior Science Club'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.3 Ċirkulari numru 120/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Fun Run Routes and Enforcement Officials'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.4 Ċirkulari numru SPI/SCI/9/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Il-proċess u l-finanzjament ta' *Grant Schemes* lill-Kunsilli Reġjonali / Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.5 Ċirkulari numru 119/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Christmas Get together 11/12/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.6 Ċirkulari numru 121/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Leading People Training Session – 01/12/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.7 Ċirkulari numru 122/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Tqassim ta' ilma għall-Fun Run tal-President'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.8 Ċirkulari numru 123/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Stedina mill-President, il-Palazz nhar il-Ħadd, 21 ta' Novembru 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.9 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar ħolqien ta' masġar b'rabta mal-Platinum Jubilee tar-Renju tar-Reġina Eliżabetta II. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.10 Ċirkulari numru 124/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AFM Officials'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.11 Rapport tekniku mill-Perit Johann Camilleri rigward is-sitwazzjoni ta' kumulu ta' ilma fi Triq l-Għar ta' Xerri l-aktar meta tagħmel ix-xita. Il-Perit qed jirrakkommanda li jsir culvert fl-istess triq li jiġi mqabbad mal-culverts eżistenti fi Triq Bullara u fi Triq Ġnien Imrik. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.12 E-mail mingħand John Xuereb, Direttur tal-Patrimonju Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, li fiha qed jitlob lill-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex jidentifikaw liema huma dawk l-istatwi ta' persuni prominenti fir-raħal tagħna sabiex ikunu jistgħu jiġu inklużi fi proġett li ser isir minn dan id-Direttorat li permezz tiegħu, statwi ta' persuni prominenti jieħdu l-ħajja u jirrakkuntaw ġrajjiethom.

Il-Kunsill innota li fil-lokalita' tagħna m'għandniex minn dawn l-istatwi pero' ser insemmu l-bustijiet li jinsabu maġenb il-Knisja Bażilika u l-bust ta' Patri Mattew Sultana li jinsab mal-faċċata tar-residenza tiegħu.

44.7.13 E-mail mingħand Francesco Debono, residenti fi Triq Ġnien Imrik, li fiha qed jilmenta li l-ispazju ta' parkeġġ li kien hemm fil-kantuniera bejn Triq Ġnien Imrik u Triq l-Għar ta' Xerri tneħħa b'kapriċċ u qed jinħoloq inkonvenjent kbir għar-residenti tat-triq.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din il-korrispondenza għall-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex tkun din l-Awtorita' li tivverifika dan l-ilment u tara x'hemm bżonn isir f'dan ir-rigward.

44.7.14 E-mail mingħand Joseph Muscat, CEO tal-*Gozo Tourism Association*, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin bil-*Gozo Tourism Awards 2021*. Nominazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn 10 ta' Jannar 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.15 Ċirkulari numru 126/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Reconciliation – Fun Run 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.16 Ċirkulari numru 127/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ittra – Soċjetajiet tal-Banda'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.17 E-mail mingħand Val Prinsep li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra jikkunsidra li jagħmel ftehim ta' ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Homps fir-reġjun ta' Occitanie fi Franza. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mas-Sur Val Prinsep rigward din il-proposta meta ċ-ċirkustanzi relatati mal-pandemija jkunu jippermettu.

44.7.18 Ċirkulari numru 125/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Info Session – Culture and Heritage 02/12/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.19 Ċirkulari numru 128/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'LCA Parking Document'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.20 Ċirkulari numru 129/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Charging Pillars Infographics for LCs'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.21 Ċirkulari numru 130/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2022'. Il-Kunsill qabel li għandu jsieħeb f'din il-Polza tal-Assigurazzjoni lill-Kunsilliera preżenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-*Assistant Principal* tal-Kunsill.

44.7.22 Ittra mingħand il-Kan. Dun Michael Galea, Rettur tal-Knisja ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-festa tradizzjonali ta' Sant'Anton ser tinżamm nhar il-Ħadd, 23 ta' Jannar 2022. Ir-Rettur qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-organizazzjoni tal-attivitajiet esterni f'każ li jinħarġu l-permessi meħtieġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali relatata mal-pandemija tal-Covid-19.

Il-Kunsill aċċetta din it-talba bil-kundizzjoni li l-attivitajiet kollha li jsiru jkunu koperti bil-permessi neċessarji min-naħa tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu u awtorijiet oħrajn kompetenti.

44.7.23 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li l-Bord tal-Evalwazzjoni aċċetta l-applikazzjoni tagħna għall-Iskema ta' Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet ta' Malta u Għawdex u qed jalloka s-somma ta' € 26,918.42c VAT inkluża għal dan il-proġett.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mal-Perita Mariella Xuereb rigward din l-applikazzjoni ħalli naraw x'offerti pubbliċi jridu jiġu ippubblikati.

44.7.24 E-mail mingħand Charles Hili li fiha qed jipproponi lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex isiru żewġ sessjonijiet ta' *UCHU 360 Degrees* bl-involviment ta' massimu ta' erbgħa u għoxrin parteċipant matul is-sena li ġejja.

Il-Kunsill aċċetta din il-proposta pero' iddeċieda li dawn is-sessjonijiet għandhom jiġu organizzati meta ċ-ċirkustanzi relatati mal-pandemija tal-Covid-19 ikunu jippermettu.

44.7.25 E-mail mingħand Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi (ANSEK), li fiha qed jistieden lis-Sindku u Kunsilliera għall-konferenza annwali ta' ANSEK li saret nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 f'Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.26 Ċirkulari numru 131/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Report by the Auditor General on the Workings of Local Government for the year 2020'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.27 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar ħolqien ta' Masġar ieħor b'rabta mal-Proġett Life Terra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.28 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar il-kampanja 'Ifraħ u Ferraħ' li hija kampanja ta' rigali ta' kotba lit-tfal Għawdxin f'dan il-Milied. Is-Sindku innota li l-attivita' fil-lokalita' tagħna saret nhar il-Ġimgħa 17 ta' Diċembru 2021 fi Pjazza l-Vitorja.

44.7.29 E-mail mingħand Charlene Cassar, *Manager* fil-Ministeru tal-Enerġija, li fiha qed tinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li c-*charging pillar* il-ġdid għall-vetturi elettriċi fil-lokalita' tagħna ser jiġi installat fl-istess post fejn illum hemm ic-*charging pillar* li kien installat snin ilu, jiġifieri fi Triq l-Imqades. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.30 Stima mingħand il-Perit Edward Scerri għal xogħol ta' asfaltar bis-siment fi sqaq fi Triq Mannar. L-ammont stmat għal dan ix-xogħol huwa ta' € 5776.60c VAT inkluża. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-kuntrattur Anthony Sultana għal dan ix-xogħol.

44.7.31 Ċirkulari numru 132/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Managing Information Training Session – 11/02/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

44.7.32 E-mail mingħand il-Perita Mariella Xuereb bi proposti għal (a) *traffic management plan* fil-*junction* bejn Triq Ġnien Imrik; (b) *traffic management plan* fil-*junction* bejn Triq il-Knisja, Triq Srug u Triq Għajn Lukin; (ċ) *traffic management plan* fil-*junction* bejn Triq it-Tiġrija u Triq Għajn Qamar u (d) *traffic management plan* fil-*junction* bejn Triq it-Tiġrija, Triq Vestru u Triq Għonqa.

Fir-rigward tal-*junction* bejn Triq it-Tafla, Triq Parisot u Triq Għejun, il-Perita qed tissuġġerixxi l-implimentazzjoni ta' *traffic lights* minħabba li l-ewwel parti ta' Triq it-Tafla hija dejqa ħafna u l-viżibilita' mhix tajba.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna niltaqgħu mal-Perita Mariella Xuereb rigward dawn il-proposti. Kien hemm qbil li din il-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Jannar 2022 fil-5.00pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

44.7.33 E-mail mingħand il-*Malta Film Commission* rigward kompetizzjoni li tnediet riċentament għall-isbaħ sit minn fejn inħadem film lokali. Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni hija nhar il-Ġimgħa 24 ta' Diċembru 2021.

Il-Kunsill qabel li għandna nissottomettu żewġ applikazzjonijiet separati – waħda għal Pjazza Il-Vitorja u oħra għall-bajja tar-Ramla l-Ħamra.

**44.8 Ilmenti mir-residenti**

44.8.1 Talba mingħand Johnny Camilleri ta' 'Olas', Triq tal-Qacca, sabiex titwahhal bozza quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

44.8.2 Talba minghand Anthony Hili ta' 18, Triq l-Ghejun, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faccata tar-residenza tieghu. Dan peress li r-resident qed ikollu diffikulta' biex johrog u jidhol mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

44.8.3 Talba minghand Sonia Xerri ta’ Lavender, Flat 1, Triq l-Ghar ta’ Xerri, sabiex Triq Kortoll issir *one way* minhabba l-hsara li qed issir mill-ammont ta’ vetturi li jghaddu minn din it-triq. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

44.8.4 Talba minghand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex (a) jitwessa l-*culvert* ezistenti faccata tar-residenza tas-Sur Joseph Xerri fi Triq Kortoll u (b) jitnaddaf il-Wied tar-Ramla. Rigward (a), il-Kunsill aċċetta din it-talba. Rigward (b), il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mad-Direttur ta’ Eko-Għawdex, is-Sur Joseph Cutajar, biex naraw il-possibilita’ li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tad-Direttorat tiegħu.

44.8.5 Talba minghand David Sultana ta’ 27, Triq Ta’ Karkar, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naha tal-garaxx tar-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

44.8.6 Talba minghand Salvu Bartolo ta’ 60, Triq Ta’ Ġorf, sabiex jinfethu l-arkati tal-Wied tar-Ramla peress li l-ilma ghaddej mit-triq u se jaqla’ t-tarmak. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu din it-talba għall-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex in viżta tal-fatt li bħalissa għaddej proġett ta’ manutenzjoni ta’ ħitan tas-sejjieħ fi Triq Għajn Ħosna u l-Wied tar-Ramla.

44.8.7 Talba minghand Walter Bezzina ta’ Triq Marsalforn sabiex jitkompla x-xoghol tat-twessiegh ta’ sqaq pubbliku fid-Dahla ta’ Ghajn Meddew. Il-Kunsill qabel li għandu jirreferi din it-talba lill-Awtorita’ tal-Artijiet in viżta tal-fatt li din it-talba tirrigwardja esproprijazzjoni.

44.8.8 Talba minghand Dr. Konstantin Mishin ta’ 33, Triq Gnien Imrik, sabiex jerga’ jsir il-*parking space* f’din it-triq li tnehha meta saru s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera bejn Triq l-Ghar ta’ Xerri u Triq Gnien Imrik.

Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lil Transport Malta sabiex tagħmel *site inspection* u tivverifika jekk it-trasport pubbliku, ambulanza u *fire engine* jgħaddux f’każ li jkun hemm vettura ipparkjata f’din il-kantuniera. Jekk jgħaddu, dawn is-sinjali jistgħu jitneħħew. Jekk ma jgħaddux, dawn is-sinjali għandhom jibqgħu kif inhuma fil-preżent.

44.8.9 Talba minghand Ruth Ferroleto ta' Triq Tas-Srug sabiex issir *traffic management plan* ghal din it-triq. Il-Kunsill innota din it-talba.

44.8.10 Talba minghand Christiana Attard ta' Triq Ġwann Marija Camilleri sabiex jitwalu l-linji sofor li hemm quddiem ir-residenza taghha peress li qed ikun hemm problema biex tinhareg id-dghajsa li hemm fil-garaxx taghha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

44.8.11 Talba minghand Loreto Refalo ta' Triq Sant'Anton sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naha tal-garaxx tar-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

44.8.12 Talba minghand Christopher u Maurice Saliba ta' 'Ta' Karmena', Sqaq fi Triq 28 ta' April 1688, sabiex jigu regolarizzati l-livelli f'dan l-isqaq. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-aħwa Saliba sabiex jippreżentaw proposta teknika minghand il-Perit tagħhom sabiex naraw x'qed jitolbu eżattament.

44.8.13 Talba minghand James Borg ta' Triq Srug sabiex jitnehha b'mod permanenti l-arblu tad-dawl li hemm quddiem il-garaxx tar-residenza tieghu u tigi spustjata l-bozza li hemm prezentament mal-arblu l-aktar vicin tar-residenza. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

44.8.14 Talba minghand Benigno Saliba sabiex issir *traffic management plan* fi Triq l-Imqades quddiem l-entratura tat-Tempji tal-Ggantija. Il-Kunsill innota din it-talba.

44.8.15 Talba minghand Sandra Mercieca sabiex Triq San Marzjal issir *one way* b'eccezzjoni ghall-bdiewa li ghandhom l-ghelieqi taghhom f'din it-triq. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

44.8.16 Talba minghand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex (a) isir il-*culvert* ezistenti quddiem l-*Oleander Restaurant* fi Pjazza l-Vitorja u (b) jitwal il-*culvert* ezistenti fil-bidu ta' Triq it-Tigrija magenb il-Knisja Bazilika. Il-

Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur Mario Muscat waqt li jkun qed isir ix-xogħol tat-taħmil ta' *reservoir* fi Pjazza l-Vitorja.

44.8.17 Talba mnghand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex jigi rilokat b'mod temporanju l-*communal reserved parking bay* ghad-*disabled* li jinsab fi Pjazza l-Vitorja u dan minhabba s-sigra tal-Milied li giet armata f'dan il-post. Il-Kunsill aċċetta din it-talba u qed jipproponi li, b'mod temporanju, dan il-*communal reserved parking bay* għad-*disabled* jitmexxa fl-ewwel spazju ta' parkeġġ li jinsab quddiem l-ATM tal-HSBC fi Pjazza l-Vitorja.

44.8.18 Talba minghand xi residenti sabiex titranga l-qaghda tal-ilma li tinsab quddiem ir-residenza 'Ta' Kiela' fi Triq Knisja. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mar-residenti dwar x'qed jitolbu eżattament.

44.8.19 Talba minghand Marthese Busuttil ta' 'Tessie Court', Sqaq fi Triq Gnien Imrik, sabiex titwahhal bozza gdida fis-sqaq fejn toqghod hi (faccata tal-Gebla Ta' Sansuna). Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

44.8.20 Talba minghand Mark Vella Barnes ta' 'Dream Apartments', Triq l-Ghejun, sabiex jitnehhew is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li saru ricentament flimkien ma' *1.5m keep clear* quddiem din il-blokka tal-appartamenti. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba.

44.8.21 Talba mingħand Raffaella Pace ta' 'Trilogy', Block A Flat 7, Triq Ġużeppi Bajada, sabiex titwaħħal bozza ġdida quddiem ir-residenza tagħha peress li preżentament qed ikun hemm ħafna dlam fl-inħawi. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

44.8.22 Talba minghand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex isir *base* ghall-fanali l-godda li twahhlu fil-bidu ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mal-kuntrattur Richard Cauchi dwar din il-materja.

44.8.23 Talba minghand il-Kunsillier Anthony Attard sabiex nixtru tnax-il kopja tal-ktieb dwar it-teżori ta' arti fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina li ġie ippubblikat riċentament mill-Uffiċċju Parrokkjali. Dan il-ktieb informattiv

bil-kulur jista' jingħata bħala rigal mill-Kunsill f'okkażjonijiet speċjali li jkollna matul is-sena. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

**44.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

44.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

44.9.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**44.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

44.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar 2022 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**